ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 34

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

5 ta' Frar 2010

Werrej

II *Atti mhux leġislattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 96/2010 tal-4 ta' Frar 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1982/2004 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 638/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq l-istatistiċi Komunitarji rigward il-kummerċ ta' merkanzija bejn Stati Membri, fir-rigward tal-limitu tas-simplifikazzjoni, tan-negozju permezz tal-karatteristiċi tal-kummerċ, tal-oġġetti u l-movimenti speċifiċi u tan-natura tal-kodiċijiet tat-tranżazzjoni** ...................... 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 97/2010 tal-4 ta' Frar 2010 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti [Pizza Napoletana (STG)]** .................. 7

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 98/2010 tal-4 ta' Frar 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........................ 17

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 99/2010 tal-4 ta' Frar 2010 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10 ............................ 19

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 100/2010 tal-4 ta' Frar 2010 li ma jalloka l-ebda rifużjoni tal-esportazzjoni għall-butir fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta bir-Regolament (KE) Nru 619/2008 ........................................................................ 21

(*Ikompli fil-paġna ta' wara*)

**Prezz: 3 EUR**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 101/2010 tal-4 ta' Frar 2010 li ma jagħti l-ebda rifużjoni għat-trab tal-ħalib xkumat fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta bir-Regolament (KE) Nru 619/2008 ........ 22

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 102/2010 tal-4 ta' Frar 2010 li jiffissa l-koeffiċjenti ta' allokazzjoni li għandha tapplika għall-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa mressqa mill-1 sat-2 ta' Frar 2010 fil-kuntest tal-kwota tariffarja tat-Tuneżija u li jissospendi l-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni għax-xahar ta' Frar 2010 ........ 23

DEĊIŻJONIJIET

2010/58/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Frar 2010 dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet ta' ċerti aġenziji tal-ħlas fil-Greċja, fil-Portugall u fil-Finlandja dwar l-infiq iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-FAEŻR) għas-sena finanzjarja 2007** *(notifikata bid-dokument numru C(2010) 425)* ........ 24

2010/59/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Frar 2010 dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet ta' ċerti aġenziji tal-ħlas fil-Belġju, fil-Ġermanja, fi Spanja, fil-Portugall u fis-Slovakkja dwar l-infiq iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (il-FAEŻR) għas-sena finanzjarja 2008** *(notifikata bid-dokument numru C(2010) 426)* ........ 26

2010/60/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Frar 2010 dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-aġenzija tal-ħlas ta' Malta dwar l-infiq fil-qasam tal-miżuri tal-iżvilupp rurali ffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) għas-sena finanzjarja 2007** *(notifikata bid-dokument numru C(2010) 459)* ........ 30

2010/61/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Frar 2010 dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet ta' ċerti aġenziji ta' ħlas fil-Ġermanja u fil-Portugall dwar l-infiq iffinanzjat mis-Sezzjoni tal-Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG) għas-sena finanzjarja 2006** *(notifikata bid-dokument numru C(2010) 470)* ........ 33

MT

II

*(Atti mhux leġislattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 96/2010

### tal-4 ta' Frar 2010

### li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1982/2004 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 638/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq l-istatistiċi Komunitarji rigward il-kummerċ ta' merkanzija bejn Stati Membri, fir-rigward tal-limitu tas-simplifikazzjoni, tan-negozju permezz tal-karatteristiċi tal-kummerċ, tal-oġġetti u l-movimenti speċifiċi u tan-natura tal-kodiċijiet tat-tranżazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara l-kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 638/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-istatistika Komunitarja relatata mal-kummerċ ta' merkanzija bejn l-Istati Membri u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3330/91 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 3(4) 9(1), 10(4), 12(1), 12(2), 12(4) u 13(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 638/2004 ġie implimentat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1982/2004 ([2]).

(2) Biex jonqos il-piż tar-rapportaġġ fuq min jagħti l-informazzjoni statiskika, għandu jiġi ddefinit limitu ta' simplifikazzjoni li taħtu l-partijiet ikkonċernati jibbenefikaw billi jkunu jistgħu jipprovdu sett ta' dejta limitat.

(3) Biex tkun żgurata kompilazzjoni armonizzata tal-istatistiċi dwar in-negozju skont il-karatteristiċi tal-kummerċ, jeħtieġ li tkun iddefinita l-metodoloġija tal-produzzjoni ta' dawn l-istatistiċi.

(4) Għal raġunijiet metodoloġiċi, iridu jiġu aġġustati d-dispożizzjonijiet għal oġġetti u movimenti speċifiċi.

(5) Biex ikun żgur li d-dejta hija sħiħa f'termini ta' kwantità, ir-riżultati statistiċi li jkunu trażmessi lill-Kummissjoni (Eurostat) jrid ikun fihom l-estimi tal-massa netta fejn ma jinġabrux id-dejta.

(6) Għandhom jiġu stabbiliti l-kodiċijiet riveduti tat-tip ta' tranżazzjoni biex jiġu identifikati l-oġġetti għall-ipproċessar skont il-kuntratt, li jirritornaw fl-Istat Membru minn fejn ikunu nħarġu oriġinarjament.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 1982/2004 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat dwar l-istatistika marbuta mal-kummerċ ta' merkanzija bejn l-Istati Membri,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1982/2004 għandu għalhekk jiġi emendat kif ġej:

(1) Il-paragrafu 3a li ġej għandu jiddaħħal fl-Artikolu 13:

"3a. L-Istati Membri li japplikaw il-limiti skont ir-regoli simplifikati tal-Artikolu 10(4) tar-Regolament (KE) Nru 638/2004 għandhom jiżguraw li l-valur tan-negozju tal-partijiet li jibbenefikaw mis-simplifikazzjoni jammontaw għall-massimu ta' 6 % tal-valur tan-negozju totali."

([1]) ĠU L 102, 7.4.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 343, 19.11.2004, p. 3.

(2) Jiddaħħal il-Kapitolu 4a li ġej:

"KAPITOLU 4a

IL-KUMMERĊ SKONT IL-KARATTERISTIĊI TAN-NEGOZJU

*Artikolu 13a*

**Kumpilazzjoni tal-istatistiċi dwar il-kummerċ skont il-karatteristiċi tan-negozju**

1. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiġbru l-istatistiċi annwali dwar il-kummerċ skont il-karatteristiċi tan-negozju.

2. L-unitajiet għall-fini tal-istatistika għandhom ikunu impriżi kif ġew iddefiniti fl-Anness għar-regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93 (*).

3. L-unitajiet statistiċi huma magħmulin permezz ta' għaqda bejn in-numru ta' identifikazzjoni li jkun allokat għall-parti responsabbli biex tipprovdi l-informazzjoni skont l-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 638/2004 u l-unità legali tar-Reġistru Kummerċjali b'konformità mal-varjabbli 1.7a msemmi fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**).

4. Il-karatteristiċi li ġejjin għandhom ikunu kkumpilati:

(a) andament kummerċjali;

(b) valur statistiku;

(c) Stat Membru msieħeb;

(d) il-kodiċi tal-merkanzija, skont it-taqsima jew il-livell ta' żewġ ċifri kif iddefinit fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 451/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (***);

(e) in-numru ta' impriżi;

(f) l-attività tal-impriża skont it-taqsima jew skont il-livell ta' żewġ ċifri fil-klassifika statistika tal-attività ekonomika (NACE) kif stipulat fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (****);

(g) il-klassi tad-daqs, imkejjel fuq in-numru ta' impjegati skont id-definizzjonijiet tal-karatteristiċi għall-istatistiċi strutturali tal-kummerċ stipulati fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 250/2009 (*****).

5. Il-ġabriet ta' dejta li ġejjin għandhom ikunu kkumpilati:

(a) rati li jaqblu bejn ir-reġistri tal-kummerċ u tan-negozju;

(b) il-kummerċ skont l-attività u skont il-klassifikazzjoni tad-daqs tal-impriża;

(c) is-sehem tal-ikbar impriżi f'termini tal-valur tal-kummerċ skont l-attività;

(d) il-kummerċ skont l-Istat Membru msieħeb u l-attività;

(e) il-kummerċ skont l-għadd ta' Stati Membri msieħba u l-attività;

(f) il-kummerċ skont il-merkanzija u l-attività.

6. L-ewwel sena ta' referenza li għaliha hija kkumpilata l-istatistika se tkun l-2009. L-Istati Membri se jipprovdu d-dejta għal kull sena kalendarja minn dakinhar 'il quddiem.

7. L-istatistiċi għandhom jiġu trażmessi fi żmien 18-il xahar mit-tmiem tas-sena ta' referenza.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jwasslu l-istatistiċi b'mod li ma jkunx possibbli li jiġu identifikati l-impriża jew il-kummerċjant minnhom meta jiġu ppubblikati mill-Kummissjoni (Eurostat). L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jindikaw liema dejta tkun marbuta bi stipulazzjonijiet ta' kunfidenzjalità.

---

(*) ĠU L 76, 30.3.1993, p. 1.
(**) ĠU L 61, 5.3.2008, p. 6.
(***) ĠU L 145, 4.6.2008, p. 65.
(****) ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.
(*****) ĠU L 86, 31.3.2009, p. 1."

(3) Fl-Artikolu 16, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-perjodu ta' referenza għall-wasla jew id-dispaċċ ta' konsenji mqassmin jista' jiġi aġġustat biex id-dejta tkun irrappurtata darba biss, fix-xahar tal-wasla jew id-dispaċċ tal-aħħar konsenja."

(4) L-Artikolu 17 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 17*

**Bastimenti u ajruplani**

1. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu:

(a) 'bastiment' tfisser bastimenti li huma meqjusa xierqa għal fuq l-ibħra skont il-Kapitolu 89 NM, laneċ tal-irmonk, bastimenti tal-gwerra u strutturi li joqogħdu fuq wiċċ l-ilma;

(b) 'ajruplani' tfisser ajruplani skont il-kodiċi NM numri 8802 30 u 8802 40;

(c) 'sjieda ekonomika' tfisser li filwaqt li persuna li tħallas it-taxxi taċċetta r-riskji assoċjati mal-użu ta' bastiment jew ajruplan f'attività ekonomika hi għandha d-dritt li tgawdi mill-benefiċċji marbuta ma' dan.

2. L-istatistiċi marbutin mal-kummerċ ta' merkanzija bejn l-Istati Membri fuq il-bastimenti u l-ajruplani jkunu jkopru biss id-dispaċċi u wasliet li ġejjin:

(a) it-trasferiment tas-sjieda ekonomika ta' bastiment jew ajruplan minn persuna taxxabbli stabbilita fi Stat Membru ieħor għal għand persuna taxxabbli stabbilita fl-Istat Membru li qed jirrapporta. Din it-tranżazzjoni għandha tiġi ttrattata bħala wasla;

(b) it-trasferiment tas-sjieda ekonomika ta' bastiment jew ajruplan minn persuna taxxabbli stabbilita fl-Istat Membru li qed jirrapporta għal għand persuna taxxabbli stabbilita fi Stat Membru ieħor. Din it-tranżazzjoni għandha tiġi ttrattata bħala dispaċċ. Jekk il-bastiment jew l-ajruplan ikunu ġodda d-dispaċċ jiġi reġistrat fl-Istat Membru fejn inbnew;

(c) il-wasliet u d-dispaċċi ta' bastimenti jew ajruplani qabel jew wara l-ipproċessar skont il-kuntratt kif iddefinit fl-Anness III, nota tal-qiegħ (2).

3. L-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet speċifiċi li ġejjin, dwar l-istatistiċi li huma marbutin mal-kummerċ ta' merkanzija fuq il-bastimenti u l-ajruplani bejn l-Istati Membri:

(a) il-kwantità tkun imfissra f'numru ta' oġġetti u f'kull unità supplimentari oħra stabbiliti fl-NM għall-bastimenti, u f'massa netta u unitajiet supplimentari, għall-ajruplani;

(b) il-valur statistiku jkun l-ammont totali miktub fil-fattura – minbarra l-ispejjeż tat-trasport u tal-assigurazzjoni – fil-każ ta' bejgħ jew xiri tal-bastiment jew l-ajruplan sħiħ.

(c) l-Istat Membru msieħeb ikun:

(i) l-Istat Membru fejn hi stabbilita l-persuna taxxabbli li qiegħda tittrasferixxi s-sjieda ekonomika tal-bastiment jew tal-ajruplan, mal-wasla, jew l-Istat Membru fejn hi stabbilita l-persuna taxxabbli li se tirċievi s-sjieda ekonomika ta' bastiment jew ajruplan, mad-dispaċċ, għall-movimenti msemmija fil-paragrafi 2(a) u (b);

(ii) l-Istat Membru fejn ġew mibnija, mal-wasla, fil-każ ta' bastimenti jew ajruplani ġodda;

(iii) l-Istat Membru fejn hi stabbilita l-persuna taxxabbli li għandha sjieda ekonomika tal-bastiment jew tal-ajruplan, mal-wasla, jew l-Istat Membru li qed jieħu ħsieb il-proċessar skont il-kuntratt, mad-dispaċċ, għall-movimenti msemmija fil-paragrafu 2(c);

(d) il-perjodu ta' referenza għall-wasliet u għad-dispaċċi msemmija fil-paragrafi 2(a) u (b) ikun ta' xahar meta jkun hemm trasferiment tas-sjieda ekonomika.

4. Fuq talba tal-awtoritajiet nazzjonali, l-awtoritajiet responsabbli għall-amministrazzjoni tar-reġistri tal-bastimenti u tal-ajruplani jagħtu l-informazzjoni kollha disponibbli li tindika trasferiment tas-sjieda ekonomika ta' bastiment jew ajruplan minn persuna taxxabbli għal oħra stabbiliti fi Stati Membri tal-wasla u tad-dispaċċ."

(5) Fl-Artiklu 19(1), il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) bastiment jew ajruplan ikun meqjus li jappartjeni għall-Istat Membru fejn hi stabbilita l-persuna taxxabbli li għandha s-sjieda ekonomika tal-bastiment jew tal-ajruplan kif iddefinit fl-Artikolu 17(1)(c)."

(6) L-Artikolu 20 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 20*

**Merkanzija mibgħuta lejn jew minn installazzjonijiet 'il barra mix-xtut**

1. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu:

(a) 'installazzjoni 'l barra mix-xtut' tfisser it-tagħmir u l-inġenji installati u weqfin fil-baħar 'il barra mit-territorju statistiku ta' xi Stat Membru;

(b) 'merkanzija mibgħuta lejn installazzjoni 'l barra mix-xatt' tfisser it-twassil ta' prodotti biex jintużaw mill-ekwipaġġ u għat-tħaddim tal-magni u ta' kull tagħmir ieħor fuq installazzjoni 'l barra mix-xatt;

(c) 'merkanzija li tinġab mingħand jew li tkun magħmula fuq installazzjonijiet 'il barra mix-xatt' tfisser prodotti maħruġa minn qiegħ il-baħar jew mis-saff ta' taħt qiegħ il-baħar, jew immanifatturat fuq l-installazzjoni.

2. L-istatistiċi marbutin mal-kummerċ tal-merkanzija bejn l-Istati Membri għandhom jinnotaw:

(a) post tal-wasla fejn tintbagħat il-merkanzija minn:

(i) Stat Membru ieħor lejn installazzjoni stabbilita 'l barra mix-xatt f'żona fejn l-Istat Membru li qed jagħmel ir-rapport igawdi d-dritt esklużiv li juża dik il-parti ta' qiegħ il-baħar u s-saff ta' taħtu,

(ii) installazzjoni stabbilita 'l barra mix-xatt fejn Stat Membru ieħor igawdi d-dritt esklużiv li juża dik il-parti ta' qiegħ il-baħar u s-saff ta' taħtu, lejn l-Istat Membru li qed jagħmel ir-rapport,

(iii) installazzjoni stabbilita 'l barra mix-xatt f'żona fejn Stat Membru ieħor igawdi d-dritt esklużiv li juża dik il-parti ta' qiegħ il-baħar jew is-saff ta' taħtu, lejn installazzjoni 'l barra mix-xatt f'żona fejn l-Istat Membru li qed jirċievi l-merkanzija jgawdi d-dritt esklużiv li juża dik il-parti ta' qiegħ il-baħar jew is-saff ta' taħtu.

(b) post tad-dispaċċ, minn fejn tintbagħat il-merkanzija lejn:

(i) Stat Membru ieħor minn installazzjoni stabbilita 'l barra mix-xatt f'żona fejn l-Istat Membru li qed jagħmel ir-rapport igawdi d-dritt esklużiv li juża dik il-parti ta' qiegħ il-baħar u s-saff ta' taħtu,

(ii) installazzjoni stabbilita 'l barra mix-xatt f'żona fejn Stat Membru ieħor igawdi d-dritt esklużiv li juża dik il-parti ta' qiegħ il-baħar u s-saff ta' taħtu, mingħand l-Istat Membru li qed jagħmel ir-rapport,

(iii) installazzjoni stabbilita 'l barra mix-xatt f'żona fejn Stat Membru ieħor igawdi d-dritt esklużiv li juża dik il-parti ta' qiegħ il-baħar jew is-saff ta' taħtu, minn installazzjoni 'l barra mix-xatt f'żona fejn l-Istat Membru li qed jibgħat il-merkanzija jgawdi d-dritt esklużiv li juża dik il-parti ta' qiegħ il-baħar jew is-saff ta' taħtu.

3. L-Istati Membri għandhom jużaw il-kodiċijiet NM ta' hawn taħt għall-merkanzija li tintbagħat lejn installazzjonijiet 'il barra mix-xatt:

— 9931 24 00: oġġetti mill-kapitoli NM 1 sa 24,

— 9931 27 00: oġġetti mill-kapitolu NM 27,

— 9931 99 00: oġġetti kklassifikati xi mkien ieħor.

Għal dawn il-konsenji, minbarra dawk tal-kapitolu NM 27, l-għotja ta' dejta dwar il-kwantità hija volontarja u tista' tintuża l-kodiċi ssimplifikata 'QV' tal-Istat Membru msieħeb."

(7) L-Artikolu 21 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 21*

**Prodotti tal-baħar**

1. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu:

(a) 'prodotti tal-baħar' tirreferi għall-prodotti tas-sajd, minerali, salvataġġ u l-prodotti l-oħra kollha li jkunu għadhom ma tniżżlux l-art minn bastimenti tat-tbaħħir;

(b) bastiment ikun meqjus li jappartjeni għall-Istat Membru fejn hi stabbilita l-persuna taxxabbli li għandha s-sjieda ekonomika tal-bastiment iddefinit fl-Artikolu 17(1)(c).

2. L-istatistiċi marbutin mal-kummerċ ta' prodotti tal-baħar bejn l-Istati Membri jkunu jkopru biss id-dispaċċi u l-wasliet li ġejjin:

(a) it-tniżżil tal-prodotti tal-baħar fil-portijiet tal-Istat Membru li qed jagħmel ir-rapport, jew il-kisba ta' dawn il-prodotti minn bastimenti li jappartjenu għall-Istat Membru li qed jagħmel ir-rapport mingħand bastimenti ta' Stat Membru ieħor. Dawn it-tranżazzjonijiet għandhom jiġu ttrattati bħala wasliet;

(b) it-tniżżil tal-prodotti tal-baħar fil-portijiet ta' Stat Membru ieħor, minn xi bastiment li jappartjeni għall-Istat Membru li qed jagħmel ir-rapport, jew il-kisba tagħhom mill-bastimenti ta' Stat Membru ieħor mingħand bastimenti li jappartjenu għall-Istat Membru li qed jagħmel ir-rapport. Dawn it-tranżazzjonijiet għandhom jiġu ttrattati bħala dispaċċi.

3. Mal-wasla, l-Istat Membru msieħeb ikun l-Istat Membru fejn hi stabbilita l-persuna taxxabbli li għandha s-sjieda ekonomika tal-bastiment li minn fuqu qed jinqabdu l-prodotti tal-baħar, u mad-dispaċċ, l-Istat Membru msieħeb ikun dak fejn jitniżżlu l-art il-prodotti tal-baħar jew fejn hi stabbilita l-persuna taxxabbli li għandha s-sjieda tal-bastiment li qed jirċievi l-prodotti tal-baħar.

4. Sakemm ma jkunx hemm konflitt ma' atti oħra tal-Liġi Ewropea, l-awtoritajiet nazzjonali, fejn jistgħu jkollhom ħtieġa li japplikaw dan l-Artikolu, għandhom ikollhom aċċess għas-sorsi kollha disponibbli, minbarra dawk tas-sistema Intrastat jew id-dikjarazzjoni tad-dwana."

(8) L-Artikolu 22 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 22*

**Vetturi spazjali**

1. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu:

(a) 'vetturi spazjali' tirreferi għall-vetturi li għandhom il-kapaċità li jivvjaġġaw 'il barra mill-atmosfera tad-dinja;

(b) 'sjieda ekonomika' tfisser li filwaqt li persuna taxxabbli taċċetta r-riskji assoċjati mal-użu ta' vettura spazjali f'attività ekonomika hi għandha d-dritt li tgawdi mill-benefiċċji marbuta ma' dan l-użu.

2. L-illançjar ta' vettura spazjali li tagħha s-sjieda ekonomika ġiet ittrasferita minn persuna taxxabbli għal oħra, li tnejn li huma jkunu stabbiliti fi Stati Membri differenti għandu jkun innotat kif ġej:

(a) bħala dispaċċ fl-Istat Membru fejn tkun inbniet u tlestiet il-vettura spazjali;

(b) bħala wasla fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit is-sid il-ġdid.

3. Id-dispożizzjonijiet speċifiċi li ġejjin għandhom japplikaw għall-istatistiċi msemmija fil-paragrafu 2:

(a) id-dejta dwar il-valur statistiku, minbarra l-ispejjeż tat-trasport u tal-assigurazzjoni, għandha tiġi ddefinita bħala l-valur tal-vettura spazjali;

(b) id-dejta dwar l-Istat Membru msieħeb għandha tkun, mal-wasla dwar l-Istat Membru fejn inbniet u tlestiet il-vettura spazjali, u mad-dispaċċ l-Istat Membru fejn ikun stabbilit is-sid il-ġdid tagħha.

4. Sakemm ma jkunx hemm konflitt ma' atti oħra tal-Liġi Ewropea, l-awtoritajiet nazzjonali, fejn jistgħu jkollhom ħtieġa li japplikaw dan l-Artikolu, għandhom ikollhom aċċess għas-sorsi kollha disponibbli, kif ukoll dawk tas-sistema Intrastat jew id-dikjarazzjoni tad-dwana."

(9) L-Artikolu 25 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 25*

1. Ir-riżultati magħquda f'daqqa msemmija fl-Artikolu 12(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 638/2004 huma ddefiniti, għal kull andament, bħala l-valur totali tal-kummerċ ma' Stati Membri oħra. Barra minn hekk, l-Istati Membri li qegħdin fiż-żona tal-euro għandhom jipprovdu analiżi prodott bi prodott tal-kummerċ li jkollhom barra ż-żona, skont it-taqsimiet li jkunu fis-seħħ tal-Istandard tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Kummerċ.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li d-dejta dwar il-kummerċ li tkun inġabret mingħand il-kumpaniji li tkun 'il fuq mil-limiti stabbiliti skont l-Artikolu 13 tkun sħiħa u tissodisfa l-kriterji ta' kwalità li hemm speċifikati fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 638/2004.

3. L-aġġustamenti li jsiru biex jiġi applikat l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 638/2004 għandhom jintbagħtu lill-Eurostat bi tqassim għall-inqas skont l-Istat Membru msieħeb u l-kodiċi tal-merkanzija fil-livell tal-kapitolu tal-kodiċi NM.

4. Fejn ma jkunx miġbur il-valur statistiku, l-Istati Membri għandhom jagħmlu stima tal-valur statistiku tal-merkanzija.

5. L-Istati Membri għandhom jagħmlu stima tal-massa netta kulfejn din ma tkunx inġabret mingħand il-partijiet responsabbli biex jipprovdu l-informazzjoni skont l-Artikolu 9(1). Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tagħti lill-Istati Membri l-koeffiċjenti meħtieġa biex tiġi stmata l-massa netta.

6. L-Istati Membri li jkunu għamlu l-aġġustament tal-perjodu ta' referenza skont l-Artikolu 3(1) għandhom jiżguraw li jintbagħtu r-riżultati kull xahar lill-Kummissjoni (Eurostat), u jekk hemm bżonn jużaw stima fejn il-perjodu ta' referenza għall-għanijiet fiskali ma jikkorrispondix ma' xahar kalendarju.

7. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) d-dejta li tkun ġiet iddikjarata li hi kunfidenzjali biex din tkun ippubblikata għall-inqas fuq livell ta' kapitolu tal-Kodiċi NM biex b'hekk tkun żgurata s-segretezza.

8. Meta r-riżultati ta' kull xahar li jkunu ntbagħtu lill-Kummissjoni (Eurostat) jkollhom bżonn ta' reviżjoni, l-Istati Membri għandhom jibagħtu r-riżultati riveduti mhux aktar tard minn xahar wara li d-dejta riveduta tkun disponibbli."

(10) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1982/2004 jinbidel bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

*"ANNESS III*

**LISTA TAL-KODIĊIJIET SKONT IT-TIP TA' TRANŻAZZJONI**

| A | B |
|---|---|
| 1. Tranżazzjonijiet li jinvolvu trasferiment ta' sjieda, attwali jew maħsuba, mingħand residenti għal għand min mhux residenti bi ħlas finanzjarju jew ta' tip ieħor (ħlief it-tranżazzjonijiet elenkati taħt it-2, is-7, u t-8). | 1. Xiri/bejgħ dirett<br>2. Provvista għall-bejgħ wara l-approvazzjoni jew wara t-testijiet, għall-kunsinna jew bil-medjazzjoni ta' aġent tal-kummissjoni<br>3. Kummerċ bi tpartit (kumpens b'oġġetti flok bi flus)<br>4. Kiri finanzjarju (kiri-bejgħ) ([1])<br>9. Oħrajn |
| 2. Ritorn u bdil tal-merkanzija bla ħlas wara r-reġistrazzjoni tat-tranżazzjoni oriġinali | 1. Ritorn tal-merkanzija<br>2. Bdil ta' merkanzija mogħtija lura<br>3. Sostituzzjoni (pereżempju fi żmien il-garanzija) ta' merkanzija mingħajr ritorn<br>9. Oħrajn |
| 3. Tranżazzjonijiet fejn is-sjieda tiġi trasferita mingħajr kumpens la finanzjarju u lanqas bi tpartit (pereżempju kunsinni għall-għajnuna) | |
| 4. Operazzjonijiet maħsubin għall-ipproċessar ([2]) b'kuntratt (mingħajr trasferiment tas-sjieda lejn min jipproċessa) | 1. Merkanzija mistennija li tintbagħat lura fl-Istat Membru tad-dispaċċ oriġinali<br>2. Merkanzija mhix mistennija li tintbagħat lura fl-Istat Membru tad-dispaċċ oriġinali |
| 5. Operazzjonijiet wara l-ipproċessar b'kuntratt (mingħajr trasferiment tas-sjieda lejn min jipproċessa) | 1. Merkanzija li se tintbagħat lura fl-Istat Membru tad-dispaċċ oriġinali<br>2. Merkanzija li mhix se tintbagħat lura fl-Istat Membru tad-dispaċċ oriġinali |
| 6. Tranżazzjonijiet partikolari nnotati għal skopijiet nazzjonali | |
| 7. Operazzjonijiet taħt proġetti konġunti tad-difiża jew taħt programmi kunġunti oħra inter-governattivi ta' produzzjoni | |
| 8. Tranżazzjonijiet li jinvolvu l-forniment ta' materjali għall-bini u tagħmir tekniku skont kuntratt ġenerali tal-bini jew tal-inġinerija ċivili li għalihom mhemmx bżonn fattura għall-merkanzija u minnflok tinħareġ fattura għall-kuntratt kollu | |
| 9. Tranżazzjonijiet oħra li ma jistgħux jiġu kklassifikati taħt kodiċijiet oħra | 1. Kiri, self, u kiri operattiv b'ċens għal iżjed minn 24 xahar.<br>9. Oħrajn |

([1]) Il-kiri finanzjarju jirreferi għal operazzjonijiet fejn ir-rati bin-nifs tal-kera jiġu kkalkulati b'mod li jkopru l-valur kollu jew kważi kollu tal-merkanzija. Ir-riskji u l-benefiċċji tas-sjieda huma ttrasferiti lil min qed jikri. Fl-aħħar tal-kuntratt, min qed jikri jsir is-sid legali tal-merkanzija.

([2]) L-ipproċessar ikopri operazzjonijiet (trasformazzjoni, kostruzzjoni, assemblaġġ, titjib, rinnovazzjoni...) bil-għan li jiġi prodott oġġett ġdid jew wieħed mtejjeb sew. Dan mhux neċessarjament jinvolvi bidla fil-klassifikazzjoni tal-prodott. Attivitajiet tal-ipproċessar bl-inizjattiva tal-proċessur stess mhumiex koperti b'dan il-punt u għandhom ikunu rreġistrati taħt il-punt 1 tal-kolonna A."

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 97/2010

## tal-4 ta' Frar 2010

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti [Pizza Napoletana (STG)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

wara t-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel bħala speċjalitajiet tradizzjonali garantiti ([1]), u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(5) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 509/2006 u b'applikazzjoni tal-Artikolu 19(3) tar-Regolament imsemmi, it-talba mressqa mill-Italja biex id-denominazzjoni "Pizza Napoletana" tkun irreġistrata ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Il-Ġermanja u l-Polonja ddikjaraw oġġezzjonaw għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 509/2006. Dawn l-oġġezzjonijiet tqiesu eliġibbli abbażi tal-Artikolu 9(3), l-ewwel subparagrafu, il-punti a) sa d) tar-Regolament imsemmi.

(3) Id-dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni mill-Ġermanja twieldet minħabba l-biża' li d-dqiq tal-qamħ Ġermaniż hu żvantaġġat ladarba tip ta' dqiq tal-qamħ wieħed biss, disponibbli fi Stat Membru wieħed, jiġifieri fl-Italja, huwa awtorizzat skont l-ispeċifikazzjonijiet.

(4) Id-dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni mill-Polonja kienet tirrigwarda partikolarment il-fatt li l-isem innifsu mhuwiex speċifiku u li t-talba ta' reġistrazzjoni kif inhi ppubblikata ma tinkludix spjegazzjonijiet xierqa.

(5) Bl-ittri tas-17 ta' Settembru 2008, il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri konċernati jilħqu qbil bejniethom skont il-proċeduri interni tagħhom.

(6) Intlaħaq qbil, innotifikat lill-Kumissjoni fl-24 ta' Frar 2009 u approvat minnha, bejn l-Italja u l-Ġermanja f'perjodu ta' sitt xhur. Skont dan il-qbil, tneħħew ir-restrizzjonijiet marbuta mal-użu ta' ċertu dqiq tal-qamħ.

(7) Peress li l-ebda qbil ma ntlaħaq bejn l-Italja u l-Polonja fiż-żmien stipulat, il-Kummissjoni jkollha tadotta deċiżjoni skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 18(2) tar-Regolament (KE) Nru 509/2006.

(8) F'dan il-kuntest u wara l-oġġezzjoni tal-Polonja, l-ispjegazzjonijiet li juru l-isem, li għandu jkun irreġistrat, huwa speċifiku fih innifsu, jiġu inklużi mal-ispeċifikazzjonijiet.

(9) Fid-dawl ta' dawn l-elementi, id-denominazzjoni "Pizza Napoletana" għandu għalhekk jinkiteb fir-'Reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti'. Ma ntalbitx il-protezzjoni msemmija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 509/2006.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Ispeċjalitajiet Tradizzjonali Garantiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni li tinsab fl-Anness I ta' dan ir-Regolament hija b'dan irreġistrata.

*Artikolu 2*

l-ispeċifikazzjonijiet konsolidati jinsabu fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-president*

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 1.
([2]) ĠU C 40 14.2.2008, p. 17.

*ANNESS I*

Oġġetti tal-ikel imsemmija fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 509/2006

**Klassi 2.3. Ħelu, ħobż, prodotti moħmija, prodotti tad-dulċiera, galletti u gallettini**

L-ITALJA

Pizza Napoletana (STG)

*ANNESS II*

**APPLIKAZZJONI GĦAR-REĠISTRAZZJONI TA' GTS**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2006 dwar prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel bħala speċjalitajiet tradizzjonali garantiti

**"PIZZA NAPOLETANA"**

**Nru KE: IT/TSG/007/0031/09.02.2005**

## 1. ISEM U INDIRIZZ TAL-KUMPANIJA LI QED TRESSAQ L-APPLIKAZZJONI

| | |
|---|---|
| Isem: | Associazione Verace Pizza Napoletana |
| Indirizz: | Via S. Maria La Nova 49, Napoli |
| Tel.: | 0814201205 |
| Feks: | 0814201205 |
| Posta elettronika: | info@pizzanapoletana.org |
| Isem: | Associazione Pizzaiuoli Napoletani |
| Indirizz: | Corso S. Giovanni a Teduccio, 55 Napoli |
| Tel.: | 0815590781 |
| Feks: | 0815590781 |
| Posta elettronika: | info@pizzaiuolinapoletani.it<br>direttivo@pizzaiuolinapoletani.it |

## 2. STAT MEMBRU JEW PAJJIŻ TERZ

L-Italja

## 3. SPEĊIFIKAZZJONIJIET TAL-PRODUZZJONI

### 3.1. Isem għar-reġistrazzjoni

"Pizza Napoletana"

Ir-reġistrazzjoni hija mitluba bil-lingwa Taljana biss.

Il-frażi "Prodotta secondo la Tradizione napoletana" (Prodotta skont it-tradizzjoni Naplitana) u l-akronimu STG li jidhru fuq il-logo/tikketta tal-"Pizza Napoletana" STG, huma tradotti bil-lingwa tal-pajjiż fejn qed issir il-produzzjoni.

### 3.2. Jiġi indikat jekk l-isem

X huwa speċifiku fih innifsu

☐ tiġi indikata l-ispeċifiċità tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel

L-isem "Pizza Napoletana" huwa tradizzjonalment użat biex jiddeskrivi dan il-prodott, kif juru sorsi differenti indikati fil-punt 3.8.

### 3.3. Jiġi indikat jekk hix mitluba r-riżerva tal-isem skont l-Artikolu 13(2), tar-Regolament (KE) Nru 509/2006

☐ Reġistrazzjoni bir-riżerva tal-isem

X Reġistrazzjoni mingħajr riżerva tal-isem

3.4. **Tip ta' prodott**

Klassi 2.3. Ħelu, ħobż, prodotti moħmija, prodotti tad-dulċiera jew gallettiu gallettini

3.5. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel li ismu huwa indikat fil-punt 3.1**

Il-"Pizza Napoletana" STG hija ppreżentata bħala prodott ta' għamla tonda li jinħema fil-forn, b'dijametru li jista' jkollu daqsijiet differenti bla ma jaqbeż il-35 ċm, bix-xifer imtella' 'il fuq u bil-parti tan-nofs miksija b'xi ingredjenti. Il-parti tan-nofs ikollha ħxuna ta' 0.4 ċm b'limitu li jista' jvarja b'+ 10 %, filwaqt li x-xifer jista' jvarja b'1–2 ċm. B'mod ġenerali l-pizza għandha tkun ratba, elastika, li tintlewa f'erbgħa faċilment.

Il-"Pizza Napoletana" STG hija kkaratterizzata minn xifer imtella' 'il fuq, ta' lewn dehbi, bħal kull prodott li jinħema fil-forn, artab kemm meta tmissu kif ukoll meta dduqu; mill-parti tan-nofs miksija b'xi ingredjenti, fejn jispikka l-aħmar tat-tadam, imħallat maż-żejt u, skont l-ingredjenti li jintużaw, l-aħdar tar-riegnu u l-abjad tat-tewm; mill-abjad tal-mozzarella mqatta' bċejjeċ imqiegħda xi ftit jew wisq qrib xulxin, l-aħdar tal-weraq tal-ħabaq, li mbagħad jiskura xi ftit meta jsir.

Il-konsistenza tal-"Pizza Napoletana" għandha tkun ratba, elastika, li tista' tintlewa faċilment; il-prodott jinqata' faċilment; għandha togħma karatteristika, bnina, liema togħma ġejja mix-xifer imtella', li għandu t-togħma tipika tal-ħobż li għola sew bil-ħmira u moħmi tajjeb, togħma mħallta ma' dik kemmxejn aċiduża tat-tadam, mal-aroma, rispettivament, tar-riegnu, tat-tewm jew tal-ħabaq u mat-togħma bnina tal-mozzarella msajra.

Fi tmiem il-proċess tas-sajran, mill-pizza toħroġ riħa karatteristika tfuħ u delizzjuża; it-tadam, li jitlef biss l-ilma żejjed tiegħu, jibqa' magħqud u solidu; il-Mozzarella di Bufala Campana DPO jew il-Mozzarella STG tidher maħlula fuq il-pizza; kemm il-ħabaq kif ukoll it-tewm u r-riegnu joħolqu aroma intensa, u ma għandhomx dehra maħruqa.

3.6. **Deskrizzjoni tal-metodu li bih jinkiseb il-prodott bl-isem indikat fil-punt 3.1**

Il-materja prima bażika li tikkaratterizza il-"Pizza Napoletana" tinkludi: dqiq artab mill-qamħ, ħmira tal-birra, ilma naturali tajjeb għax-xorb, tadam imqaxxar u/jew tadam żgħir frisk (pomodorini), melħ tal-baħar jew melħ tat-tisjir, żejt extra-verġni taż-żebbuġa. Fost ingredjenti oħra li jistgħu jintużaw fit-tħejjija tal-"Pizza Napoletana" huma: tewm u riegnu; Mozzarella di Bufala Campana DPO, ħabaq frisk u Mozzarella STG.

Il-karatteristiċi tad-dqiq huma dawn li ġejjin:

| | |
|---|---|
| — W: | 220–380 |
| — P/L: | 0,50–0,70 |
| — Assorbiment: | 55–62 |
| — Stabbiltà: | 4–12 |
| — Value index E10: | max. 60 |
| — Falling number: | 300–400 |
| — Glutina mnixxfa: | 9,5–11 g % |
| — Proteini: | 11–12,5 g % |

It-tħejjija tal-"Pizza Napoletana" tinvolvi biss il-fażijiet li ġejjin, li jitwettqu f'ċiklu kontinwu fl-istess stabbiliment:

*Tħejjija tal-għaġina*

Ħawwad flimkien id-dqiq, l-ilma, il-melħ u l-ħmira. Ferra' litru ilma fil-magna tal-għaġina, ħoll kwantità ta' bejn 50 u 55 g melħ tal-baħar, żid 10 % tad-dqiq skont il-kwantità ta' għaġina prevista, u wara li tħoll 3g ħmira, ħaddem il-magna tal-għaġina filwaqt li żżid bil-mod il-mod 1,8 kg dqiq W 220-380 sakemm it-taħlita tilħaq il-konsistenza mixtieqa u tista' titqies bħala għaġina. Din il-biċċa xogħol għandha tieħu 10 minuti.

It-taħlita għandha tinħadem bil-mod fil-magna tal-għaġina, u preferibbilment din ikollha għamla ta' furketta, għal 20 minuta sakemm issir biċċa għaġina sħiħa. Biex it-taħlita tilħaq l-aħjar konsistenza, importanti ħafna l-kwantità ta' ilma li d-dqiq jista' jassorbi. It-taħlita ma għandhiex tinħass twaħħal, u għandha tkun ratba u elastika.

Il-karatteristiċi tat-taħlita huma dawn li ġejjin, liema karatteristiċi jista' jkollhom tibdil ta' ± 10 %:

— Temperatura ta' fermentazzjoni: 25 °C

— pH finali: 5,87

— Aċidità totali titrattabbli: 0,14

— Densità: 0,79 g/cm$^3$ (+ 34 %)

*Teħmir tal-għaġina*

L-ewwel fażi: ladarba l-għaġina tinħareġ mill-magna, titqiegħed fuq wiċċ tal-mejda fil-pizzerija u titħalla toqgħod għal sagħtejn, mgħottija b'biċċa umda, sabiex il-wiċċ tagħha ma jibbiesx, u biex ma tiffurmax xorta ta' qoxra minħabba l-evaporazzjoni tal-umdità li titla' minn ġot-taħlita stess. Kif jgħaddu sagħtejn tiġi ffurmata ħobża żgħira. Biex jagħmel dan il-pizzar irid juża jdejh biss. Bl-għajnuna ta' sikkina wiesgħa, tinqata' parti mill-għaġina li tkun għoliet biex tingħata l-għamla ta' ħobża żgħira. Għall-"Pizza Napoletana", il-ħobżiet żgħar għandhom jiżnu bejn 180 u 250 g.

It-tieni fażi tat-teħmir: meta jiġu ffurmati dawn il-ħobżiet żgħar, it-teħmir isir għat-tieni darba ġo kontenituri tal-ikel. Din il-fażi tieħu minn erbgħa sa sitt sigħat. Din l-għaġina, li tinżamm f'temperatura normali, tkun lesta biex tintuża sa sitt sigħat wara.

*L-iffurmar*

Wara li jgħaddi l-perjodu tat-teħmir, il-ħobża tinħareġ minn ġol-kontenitur permezz ta' sikkina wiesgħa u titqiegħed fuq il-bank tal-pizzerija fuq kisja rqiqa ta' dqiq biex jiġi evitat li l-għaġina teħel mal-wiċċ li fuqu qed tinħadem. B'moviment li jimxi miċ-ċentru lejn ix-xifer u bil-pressjoni tas-swaba' taż-żewġ idejn fuq il-ħobża, li tinqaleb bosta drabi, il-pizzar jagħti forma tonda lill-għaġina b'mod li fiċ-ċentru l-ħxuna ma tkunx iktar minn 0.4 cm u tista' tiżdied b'± 10 % u li x-xifer ma jaqbiżx 1–2 ċm u b'hekk jifforma xifer imtella' 'l fuq.

Għat-tħejjija tal-"Pizza Napoletana" STG mhumiex aċċettati metodi oħra ta' kif tinħadem l-għaġina, speċjalment bl-użu ta' xi lembuba u/jew xi makkinarju li jippressa l-għaġina u jaqtagħha tonda.

*Il-mili*

Il-"Pizza Napoletana" tiġi mħawra kif ġej:

— bl-imgħarfa poġġi minn 70 sa 100 g tadam imqaxxar u mqatta' biċċiet żgħar fiċ-ċentru tal-għaġina;

— b'moviment spirali xerred it-tadam mal-parti tan-nofs kollha;

— b'moviment spirali żid il-melħ fuq it-tadam;

— bl-istess mod roxx ftit riegnu;

— qatta' sinna tewm, li qabel tkun qaxxart, f'biċċiet żgħar u poġġihom fuq it-tadam;

— b'kontenitur taż-żejt li jkollu żennuna u b'moviment spirali, ibda xerred minn 4 sa 5 g żejt extra verġni taż-żebbuġa min-nofs 'il barra, liema ammont jista' jiżdied b'20 %.

Jew:

— bl-imgħarfa poġġi fin-nofs tal-għaġina tonda bejn 60 sa 80 g tadam imqaxxar u mqatta' biċċiet żgħar u/jew tadam żgħir frisk imqatta';

— b'moviment spirali xerred it-tadam mal-parti tan-nofs kollha;

— b'moviment spirali żid il-melħ fuq it-tadam;

— poġġi minn 80 sa 100 g Mozzarella di Bufala Campana DOP mqatta' biċċiet fuq it-tadam;

— fuq il-pizza poġġi xi weraq tal-ħabaq frisk;

— b'kontenitur taż-żejt li jkollu żennuna u b'moviment spirali, ibda xerred minn 4 sa 5 g żejt extra verġni taż-żebbuġa min-nofs 'il barra, liema ammont jista' jiżdied b'20 %.

Jew:

— bl-imgħarfa poġġi fin-nofs tal-għaġina tonda bejn 60 sa 80 gramma tadam imqaxxar u mqatta' biċċiet żgħar;

— b'moviment spirali xerred it-tadam mal-parti tan-nofs kollha;

— b'moviment spirali żid il-melħ fuq it-tadam

— poġġi minn 80 sa 100 g Mozzarella STG mqatta' biċċiet minn qabel fuq it-tadam;

— fuq il-pizza poġġi xi weraq tal-ħabaq frisk;

— b'kontenitur taż-żejt li jkollu żennuna u b'moviment spirali, ibda xerred minn 4 sa 5 g żejt extra verġni taż-żebbuġa min-nofs 'il barra, liema ammont jista' jiżdied b'20 %.

*Sajran*

Il-"pizzaiolo" (il-pizzar) ipoġġi l-pizza bil-mili fuq pala tal-injam (jew tal-aluminju) bl-għajnuna ta' ftit dqiq li jxerrdu b'moviment rotatorju u jżerżaqha fil-forn b'moviment ħafif tal-polz sabiex il-mili ma jiġrix. Is-sajran tal-"Pizza Napoletana" STG isir biss fi fran tal-ħatab, fejn tintlaħaq temperatura ta' sajran ta' 485°C, essenzjali biex tinkiseb il-"Pizza Napoletana" STG.

Il-pizzar għandu jiċċekkja s-sajran tal-pizza billi jgħolliha mill-ġenb, permezz ta' pala tal-metall, u jċaqlaq il-pizza lejn in-nar, billi juża l-istess qiegħa fil-forn li intużat qabel, sabiex id-differenza fit-temperaturi ma taħraqx il-pizza. Importanti li l-pizza tissajjar b'mod uniformi mad-dawra taċ-ċirkonferenza kollha.

Dejjem permezz ta' pala tal-metall, fi tmiem is-sajran, il-pizzar joħroġ il-pizza mill-forn u jpoġġiha fuq platt tal-ikel. Il-ħin tas-sajran ma għandux jieħu iktar minn 60 sa 90 sekonda.

Wara li ssir, il-pizza għandu jkollha l-karatteristiċi li ġejjin: it-tadam, meta jitlef biss l-ilma żejjed tiegħu, jibqa' magħqud u solidu; il-Mozzarella di Bufala Campana DPO jew il-Mozzarella STG tidher maħlula fuq il-pizza; kemm il-ħabaq kif ukoll it-tewm u r-riegnu jiksbu aroma intensiva, u ma jidhrux maħruqin.

— It-temperatura ta' sajran fil-qiegħa tal-forn: bejn wieħed u ieħor 485 °C

— It-temperatura mal-ħnejja tal-forn: bejn wieħed u ieħor 430 °C

— Il-ħin tas-sajran: minn 60 sa 90 sekonda

— It-temperatura li tilħaq l-għaġina: 60–65 °C

— It-temperatura li jilħaq it-tadam: 75–80 °C

— It-temperatura li jilħaq iż-żejt: 75–85 °C

— It-temperatura li tilħaq il-mozzarella: 65–70 °C

*Preżervazzjoni*

Idealment il-"Pizza Napoletana" tittiekel malli tinħareġ mill-forn, fl-istess post fejn tkun saret. Madankollu, jekk mhux possibbli li tiġi kkunsmata fuq il-post fejn saret, ma għandhiex titpoġġa fil-friża jew tiġi ffriżata jew tiġi ssiġillata f'kontenitur mingħajr arja biex tiġi mibjugħa aktar tard.

3.7. **In-natura speċifika tal-prodott agrikolu u tal-ikel**

L-elementi l-aktar fundamentali li jiddefinixxu n-natura speċifika tal-prodott imsemmi huma bosta u direttament marbutin mal-ħin u l-mod kif jinħadem, kif ukoll mal-ħila u l-esperjenza ta' min qed jaħdmu.

B'mod partikulari, il-proċess ta' kif tiġi maħduma l-"Pizza Napoletana" huwa kkaratterizzat minn: it-taħlita, il-konsistenza u l-elastiċità tal-għaġina (reologia) u t-tip partikolari ta' teħmir (fuq żewġ fażijiet b'kundizzjonijiet speċifiċi skont it-temperatura u l-ħin); it-tħejjija u l-iffurmar tal-għaġina f'għamla ta' ħobżiet żgħar; It-tħaddim u t-tħejjija tal-għaġina tonda li tkun għoliet bil-ħmira; it-tħejjija tal-forn u l-karatteristiċi tas-sajran (it-tul ta' żmien/it-temperatura); dak li jikkaratterizza l-forn li bilfors għandu jkun tal-ħatab.

Bħala eżempju għandha tiġi enfasizzata l-importanza tat-tieni proċess ta' teħmir, u tat-tħaddim u l-għodda li tintuża, jiġifieri il-forn, li bilfors irid ikun tal-ħatab, u l-paliet.

Wara t-tieni proċess ta' teħmir, l-ħobża tal-għaġina għandha tiżdied fil-volum u fl-umdità meta mqabbla ma' qabel. Meta min qed jaħdimha jagħmel pressjoni bis-swaba' taż-żewġ idejn, il-forza ta' dan il-moviment toħloq ċaqliq tal-arja li tinsab fil-bżieżaq tal-arja tal-għaġina min-nofs 'il barra tal-għaġina tonda u b'hekk jiġi ffurmat ix-xifer imtella' tal-pizza. Din it-teknika tirrappreżenta karatteristika fundamentali tal-"Pizza Napoletana" STG għax ix-xfar imtell-għin jiżguraw li l-ingredjenti tal-mili jibqgħu kollha ġewwa u ma joħorġux. Sabiex l-għaġina tikseb dijametru ikbar, il-pizzar ikompli bit-tħejjija billi jħabbat l-għaġina bejn idejh b'ritmu mgħaġġel filwaqt li jżomm idu l-leminija f'pożizzjoni mmejla ta' 45÷60 grad mal-wiċċ li fuqu tkun qed tinħadem l-għaġina. L-għaġina tonda titqiegħed fuq dan il-wiċċ u ddur b'moviment sinkronizzat tal-id ix-xellugija.

Mill-banda l-oħra, jekk l-għaġina tinħadem mod ieħor, bl-użu ta' xi lembuba jew xi magna li taqta' l-għaġina tonda (bħal makkinarju li jippressa l-għaġina), ma jkunx possibbli li ċ-ċaqliq 'il barra tal-arja fil-bżieżaq li jkunu fl-għaġina jsir b'mod omoġenju bl-iskop li tinħoloq għaġina tonda li tkun uniformi fil-partijiet kollha tagħha. B'dan il-mod, fin-nofs tal-għaġina tonda, jiġu ffurmati livelli differenti ta' għaġina li tifridhom l-arja li jkun hemm fix-xquq tal-għaġina. Għaldaqstant, jekk jintużaw dawn il-metodi, il-pizza ma jkollhiex ix-xifer imtella' tipiku tagħha wara li tkun saret, u dan huwa meqjus bħala waħda mill-karatteristiċi prinċipali tal-"Pizza Napoletana" STG.

Barra minn hekk, it-teknika Naplitana titlob li l-pizzar, wara li jkun ħejja minn tlieta sa sitt biċċiet ta' għaġina tonda lesti bil-mili, b'moviment tal-idejn preċiż u ħafif, ipoġġi b'ħila kbira l-pizza minn fuq il-wiċċ fejn qed jaħdimha għal fuq il-pala, b'tali mod li din ma titlifx il-forma tonda oriġinali tagħha (din tiżżerżaq bil-mod mill-pizzar b'idejh it-tnejn, u, wara li jdawwarha fuqha nnifisha bejn wieħed u ieħor b'90°, ipoġġiha fuq pjanċa biex iserviha). Il-pizzar ixerred ftit dqiq fuq il-pjanċa li ħa jdaħħal fil-forn, biex b'hekk il-pizza tkun tista' tiżżerżaq faċilment minn fuq il-pala għal ġol-forn. Dan isir b'moviment ħafif tal-polz, filwaqt li jżomm il-pala f'angolatura ta' 20-25° meta mqabbla mal-livell tal-istess forn biex il-mili ma jaqax minn fuq il-pizza.

It-teknika li hija differenti mid-deskrizzjoni li ngħatat hawn fuq mhix xierqa minħabba li t-teħid tal-pizza diretta-ment bil-pala minn fuq il-wiċċ li fuqu tkun inħadmet ma jiggarantix li l-pizza li se tinħema fil-forn se tibqa' sħiħa.

Il-forn tal-ħatab huwa ta' importanza fundamentali għas-sajran u l-kwalità tal-"Pizza Napoletana". Il-karatteristiċi tekniċi li jagħżluha minn oħrajn huma marbutin b'mod assolut mas-suċċess tal-"Pizza Napoletana" klassika. Il-forn Naplitan tal-pizza huwa magħmul minn bażi ta' ġebel tat-tufu, li jibqa' tiegħla fuq livell għat-tond imsejjaħ qiegħ, li fuqu tiġi mibnija speċi ta' koppla. Il-ħnejja tal-forn hija magħmula minn materjal rifrattiv li ma jħallix is-sħana tixtered. Fil-fatt, il-proporzjon ta' bejn il-partijiet differenti tal-forn huma essenzjali biex il-pizza ssir bl-aħjar mod. Ir-referenza għat-tip ta' forn huwa rrappreżentat mill-wisa' tal-qiegħ, iffurmat minn erba' sezzjonijiet ċirkolari rifrattivi li jiffurmawh. Il-pizza tiġi mgħollija b'pala tal-azzar u/jew tal-aluminju u mwassla sal-bokka tal-forn, fejn din titpoġġa u tiġi mdawra b'180°; il-pizza terġa' titpoġġa fl-istess post, b'tali mod li tikseb it-temperatura tal-qiegħ li tonqos mis-sħana li tkun ħadet il-pizza waqt is-sajran.

Jekk il-pizza titpoġġa f'post differenti, din terġa' tikseb it-temperatura tal-bidu, u b'hekk tispiċċa tinħaraq minn taħt.

Dawn il-karatteristiċi kollha jiddeterminaw il-fenomenu tal-arja li jkun hemm fil-pizza u l-aspett viżiv tal-prodott finali, il-"Pizza Napoletana" li fil-fatt hija ratba u kumpatta; Bix-xifer imtella', bil-ħmira fuq ġewwa li għolliet l-għaġina, li hija partikolarment ratba u faċli tintlewa f'erbgħa. Importanti li jiġi enfasizzat li l-prodotti simili l-oħra li jinkisbu bi proċeduri ta' tħejjija differenti minn dak deskritt ma jistax ikollhom l-istess karatteristiċi viżivi u organolettiċi tal-"Pizza Napoletana".

3.8. **L-aspett tradizzjonali tal-prodott agrikolu u tal-ikel**

Tista' tgħid li l-"Pizza Napoletana" tmur lura għall-perjodu storiku ta' bejn l-1715 u l-1725. Vincenzo Corrado, il-kok ġenerali tal-Prinċep Emanuele ta' Francavilla, fi trattat fuq l-ikel l-aktar użat f'Napli, jiddikjara li t-tadam jintuża biex iħawwar il-pizza u l-imqarrun, bħala karatteristika komuni ta' żewġ prodotti li maż-żmien għamlu l-fortuna ta' Napli u poġġewha fl-istorja tat-tisjir. Ma' dan huwa marbut il-bidu uffiċjali tal-"Pizza Napoletana", għaġina tonda mħawra bit-tadam.

Id-dokumenti storiċi li jiċċertifikaw l-oriġini Naplitana ta' din l-ispeċjalità kulinarja huma bosta. B'dan il-mod il-kittieb Franco Salerno jiddikjara li dan il-prodott huwa wieħed mill-ikbar invenzjonijiet tal-ikel Naplitan.

Saħansitra d-dizzjunarji tal-lingwa Taljana u l-enċiklopedija Treccani jitkellmu speċifikament fuq il-"Pizza Napoletana". L-espressjoni "Pizza Napoletana" hija wkoll ikkwotata f'bosta testi tal-letteratura.

Bla dubju, l-ewwel "pizzerie" (pizzeriji) bdew f'Napli u, sal-ewwel nofs tas-seklu għoxrin l-prodott kien jeżisti biss f'Napli u fil-pizzeriji. Mis-seklu XVIII kien hemm bosta ħwienet bl-isem "pizzeria" li kienu attivi fil-belt. Ir-reputazzjoni tagħhom waslet saħansitra għand ir-Re ta' Napli, Ferdinandu ta' Bourbon li, biex iduq dan il-platt tipiku tat-tradizzjoni Naplitana, ma rrispettax l-etikett monarkiku u daħal f'waħda mill-pizzeriji l-aktar famużi. Minn dak il-ħin il-"pizzeria" saret l-iktar post tal-moda, post iddedikat biss għat-tħejjija tal-"pizza". Il-pizez l-aktar popolari u famużi f'Napli kienu l-"Marinara" li bdiet fl-1734 u l-"Margherita" fl-1796 - 1810, li ġiet offruta lir-Reġina tal-Italja meta din żaret Napli fl-1889 proprju minħabba l-kulur tal-ħwawar tagħha (tadam, mozzarella u ħabaq) li jfakkru l-kuluri tal-bandiera Taljana.

Maż-żmien, il-pizzeriji bdew jidhru fl-ibliet kollha tal-Italja kif ukoll f'pajjiżi oħra. Madankollu, dawn il-pizzeriji, għalkemm ma kinux ġewwa Napli, baqgħu jsemmu din il-belt permezz tal-frażi "pizzeria napoletana" jew inkella użaw xi terminu li b'xi mod seta' jfakkar ir-rabta tagħhom ma' Napli, fejn, kważi għal 300 sena, dan il-prodott baqa' awtentiku.

Fix-xahar ta' Mejju tal-1984, kważi l-pizzara Naplitani ħejjew speċifikazzjoni qasira ffirmata minnhom kollha u rreġistrata bħala att uffiċjali għand in-nutar Antonio Carannante ta' Napli.

Matul is-sekli, il-kelmiet "Pizza Napoletana" tant xterdu li kullimkien, anke barra mill-Ewropa, fl-Amerka tan-Nofs u t'Isfel (bħall-Messiku u l-Gwatemala) u fl-Ażja (bħat-Tajlandja u l-Malażja), dan il-prodott baqa' magħruf bħala "Pizza Napoletana" anke jekk in-nies tal-post saħanistra lanqas għandhom idea tal-lokalità ġeografika tal-belt ta' Napli.

3.9. **Ir-rekwiżiti minimi meħtieġa u l-proċeduri ta' kontroll tan-natura speċifika tal-prodott**

Il-kontrolli maħsubin għall-STG "Pizza Napoletana" jirrigwardaw l-aspetti li ġejjin:

il-kumpaniji, waqt il-fażi tat-tagħġin, tat-teħmir tat-tħejjija tal-pizza, għandhom isegwu l-proċedura u s-sekwenza korretti tal-fażijiet deskritti; filwaqt li jikkontrollaw bir-reqqa l-punti kruċjali tal-kumpaniji; jiċċekkjaw li l-materja prima tikkonforma ma' dik deskritta fl-ispeċifikazzjonijiet tal-eżekuzzjoni; jiċċekkjaw li l-materja prima li se tiġi użata tkun ippreżervata u maħżuna bl-aħjar mod u jiġi ċċekkjat li l-karatteristiċi tal-prodott finali jkunu konformi ma' dak li hu previst fl-ispeċifikazzjonijiet tal-produzzjoni.

3.10. **Il-logo**

L-akronimu STG (GTS), u l-frażijiet "Specialità Tradizionale Garantita" (Speċjalità Tradizzjonali Garantita) u "Prodotta seconda la tradizione napoletana" (Prodotta skont it-tradizzjoni Naplitana) huma tradotti bil-lingwi uffiċjali tal-pajjiż fejn issir il-produzzjoni.

Il-logo li jikkaratterizza l-"Pizza Napoletana" huwa kif ġej: stampa ovali orizzontali ta' lewn abjad b'bordura griża ċara, qed tirrappreżenta l-platt li fuqu titpoġġa l-pizza, li tidher b'mod realistiku u fl-istess ħin id-disinn huwa stilizzat u jirrispetta bis-sħiħ it-tradizzjoni filwaqt li jidhru l-ingredjenti klassiċi li huma t-tadam, il-mozzarella, il-weraq tal-ħabaq u qatra żejt taż-żebbuġa.

Taħt il-platt, hemm l-effett ta' dell ta' lewn aħdar ħiereġ 'il barra, li, flimkien mal-kuluri l-oħra, jagħti rpominenza lill-kuluri Taljani fejn oriġina l-prodott.

Kemm kemm sovrapposta quddiem il-platt li fih il-pizza, tidher tieqa rettangolari ta' lewn aħmar bil-kantunieri għat-tond, li fiha hemm miktub b'ittri bojod imdawra bl-iswed, b'dell aħdar ħiereġ 'il barra u b'bordura bajda l-kliem: "PIZZA NAPOLETANA" STG. Fuq din il-kitba, 'il fuq u kemmxejn lejn il-lemin, miktubin b'tipa iżgħar, differenti u bajda, hemm miktub "Specjalità Tradizzjonali Garantita" (Speċialità Tradizionale Garantita) Iktar 'l isfel, fin-nofs, bl-istess tipa tal-logo, PIZZA NAPOLETANA STG, b'ittri kapitali ta' daqs żgħir, miktubin bl-abjad u b'bordura sewda hemm dan il-kliem sovrappost: "Prodotta skont it-tradizzjoni Naplitana" (Prodotta seconda la tradizione napoletana).

| Marki | Tipa |
|---|---|
| PIZZA NAPOLETANA STG | Varga |
| Speċjalità Tradizzjonali Garantita | Alternate Gothic |
| Prodotta skont it-tradizzjoni Naplitana | Varga |

| L-ilwien tal-pizza | PantoneProSim | C | M | Y | K |
|---|---|---|---|---|---|
| Beige skur tal-bordura | 466 | 11 | 24 | 43 | 0 % |
| Aħmar skur taz-zalza tat-tadam | 703 | 0 % | 83 | 65 | 18 |
| Weraq tal-ħabaq | 362 | 76 | 0 % | 100 | 11 |
| Il-vini tal-weraq tal-ħabaq | 562 | 76 | 0 % | 100 | 11 |
| L-aħmar tat-tadam | 032 | 0 % | 91 | 87 | 0 % |
| Qatra żejt taż-żebbuġa | 123 | 0 % | 31 | 94 | 0 % |
| Mozzarella | 600 | 0 % | 0 % | 11 | 0 % |
| Riflessi fuq il-mozzarella | 5 807 | 0 % | 0% | 11 | 9 |

| L-ilwien tal-parti grafika u tat-tipa | PantoneProSim | C | M | Y | K |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-griż tal-bordura tal-platt ovali | P.Grey – 3CV | 0 % | 0 % | 0 % | 18 |
| L-aħdar tad-dell tal-platt ovali | 362 | 76 | 0 % | 100 | 11 |
| L-aħmar tar-rettangolu bil-kantunieri għat-tond | 032 | 0 % | 91 | 87 | 0 % |
| Il-frażi bajda bil-bordura sewda "PIZZA NAPOLETANA" STG | | 0 % | 0 % | 0 % | 0 % |
| Il-frażi bajda bil-bordura sewda "Prodotta skont it-tradizzjoni Naplitana" | | 0 % | 0 % | 0 % | 0 % |
| Il-frażi bl-abjad "Speċjalità Tradizzjonali Grantita" | | 0 % | 0 % | 0 % | 0 % |

Specialità Tradizionale Garantita
PIZZA NAPOLETANA STG
Prodotta secondo la Tradizione napoletana

4. **L-AWTORITAJIET U L-ENTITAJIET GĦALL-VERIFIKA TAL-OSSERVANZA TAL-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET**

4.1. **Isem u indirizz**

| | |
|---|---|
| Isem: | Certiquality SRL |
| Indirizz: | Via Gaetano Giardino, 4 – 20123 Milano |
| Tel.: | 028069171 |
| Feks: | 0286465295 |
| Posta elettronika: | certiquality@certiquality.it |
| ☐ Pubbliku | X Privat |

| | |
|---|---|
| Isem: | DNV Det Norske Veritas Italia |
| Indirizz: | Centro Direzionale Colleoni Viale Colleoni, 9 Palazzo Sirio 2 – 20041 Agrate Brianza (MI) |
| Tel.: | +39 0396899905 |
| Feks: | +39 0396899930 |
| Posta elettronika: | — |
| ☐ Pubbliku | X Privat |

| | |
|---|---|
| Isem: | ISMECERT |
| Indirizz: | Corso Meridionale, 6 - 80143 NAPOLI |
| Tel.: | 0815636647 |
| Feks: | 0815534019 |
| Posta elettronika: | info@ismecert.com |
| ☐ Pubbliku | X Privat |

4.2. **Kompiti speċifiċi tal-awtorità jew tal-entità**

It-tliet entitajiet tal-kontroll imsemmijin qabel, jagħmlu l-kontrolli fuq persuni differenti li joperaw fiż-żoni differenti tat-territorju nazzjonali.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 98/2010

## tal-4 ta' Frar 2010

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-5 ta' Frar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 106,9 |
| | JO | 75,8 |
| | MA | 63,8 |
| | TN | 122,7 |
| | TR | 96,1 |
| | ZZ | 93,1 |
| 0707 00 05 | MA | 71,3 |
| | TR | 132,6 |
| | ZZ | 102,0 |
| 0709 90 70 | MA | 137,6 |
| | TR | 139,0 |
| | ZZ | 138,3 |
| 0709 90 80 | EG | 85,3 |
| | ZZ | 85,3 |
| 0805 10 20 | EG | 52,6 |
| | IL | 56,7 |
| | MA | 52,4 |
| | TN | 44,6 |
| | TR | 49,6 |
| | ZZ | 51,2 |
| 0805 20 10 | IL | 163,0 |
| | MA | 85,4 |
| | TR | 62,0 |
| | ZZ | 103,5 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | CN | 56,4 |
| | EG | 61,9 |
| | IL | 68,9 |
| | JM | 92,4 |
| | MA | 126,2 |
| | PK | 45,1 |
| | TR | 68,7 |
| | ZZ | 74,2 |
| 0805 50 10 | EG | 82,4 |
| | IL | 89,4 |
| | TR | 73,7 |
| | ZZ | 81,8 |
| 0808 10 80 | CA | 95,3 |
| | CL | 60,1 |
| | CN | 66,9 |
| | MK | 24,7 |
| | US | 124,9 |
| | ZZ | 74,4 |
| 0808 20 50 | CN | 46,8 |
| | TR | 84,8 |
| | US | 134,5 |
| | ZA | 105,0 |
| | ZZ | 92,8 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 99/2010

## tal-4 ta' Frar 2010

## li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2009/10 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 877/2009 ([3]). Dawn il-prezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 90/2010 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha f'idejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10, huma b'dan mmodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-5 ta' Frar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 253, 25.9.2009, p. 3.
([4]) ĠU L 29, 2.2.2010, p. 3.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mill-5 ta' Frar 2010**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 11 10 (1) | 48,11 | 0,00 |
| 1701 11 90 (1) | 48,11 | 0,47 |
| 1701 12 10 (1) | 48,11 | 0,00 |
| 1701 12 90 (1) | 48,11 | 0,17 |
| 1701 91 00 (2) | 53,29 | 1,48 |
| 1701 99 10 (2) | 53,29 | 0,00 |
| 1701 99 90 (2) | 53,29 | 0,00 |
| 1702 90 95 (3) | 0,53 | 0,20 |

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 100/2010

## tal-4 ta' Frar 2010

## li ma jalloka l-ebda rifużjoni tal-esportazzjoni għall-butir fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta bir-Regolament (KE) Nru 619/2008

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u partikolarment l-Artikolu 164(2) tiegħu flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir- Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 619/2008 tas-27 ta' Ġunju 2008 li jiftaħ sejħa permanenti għall-offerti għar-rifużjonijiet tal-esportazzjoni għal ċerti prodotti tal-ħalib ([2]) jipprovdi proċedura għal sejħa permanenti għall-offerti.

(2) Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1454/2007 tal-10 ta' Diċembru 2007 li jistipula regoli komuni biex tkun stabbilita proċedura ta' offerta għall-iffissar ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għal ċerti prodotti agrikoli ([3]) u wara stħarriġ tal-offerti mressqa b'risposta għas-sejħa għall-offerti, jeħtieġ li ma tingħata l-ebda rifużjoni tal-esportazzjoni għall-perjodu tat-tressiq tal-offerti li jintemm fit-2 ta' Frar 2010.

(3) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax opinjoni tiegħu fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

*Artikolu 1*

Fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 619/2008 għall-perjodu ta' sottomissjoni li jintemm fit-2 ta' Frar 2010, l-ebda rifużjoni tal-esportazzjoni mhi allokata għall-prodotti u għad-destinazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1, punti (a) u (b), u fl-Artikolu 2 tar-Regolament imsemmi.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-5 ta' Frar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 168, 28.6.2008, p. 20.
([3]) ĠU L 325, 11.12.2007, p. 69.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 101/2010

## tal-4 ta' Frar 2010

## li ma jagħti l-ebda rifużjoni għat-trab tal-ħalib xkumat fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta bir-Regolament (KE) Nru 619/2008

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u partikolarment l-Artikolu 164(2) tiegħu flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 619/2008 tas-27 ta' Ġunju 2008 li jiftaħ sejħa permanenti għall-offerti dwar ir-rifużjoni tal-esportazzjoni għal ċerti prodotti tal-ħalib [2] jipprovdi stedina permanenti għall-offerti.

(2) Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1454/2007 tal-10 ta' Diċembru 2007 li jistipula regoli komuni biex tkun stabbilita proċedura ta' offerta għall-iffissar ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għal ċerti prodotti agrikoli [3] u wara stħarriġ tal-offerti mressqa b'risposta għas-sejħa għall-offerti, jeħtieġ li ma tingħata l-ebda rifużjoni għall-perjodu tat-tressiq tal-offerti li jintemm fit-2 ta' Frar 2010.

(3) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax opinjoni tiegħu fil-limitu tażżmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fil-kuntest tas-sejħa permanenti għall-offerti stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 619/2008 għall-perjodu ta' tressiq li jintemm fit-2 ta' Frar 2010, ma ngħatat l-ebda rifużjoni għall-prodott u għad-destinazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(c) u fl-Artikolu 2 tar-Regolament imsemmi.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-5 ta' Frar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 168, 28.6.2008, p. 20.
[3] ĠU L 325, 11.12.2007, p. 69.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 102/2010

## tal-4 ta' Frar 2010

## li jiffissa l-koeffiċjenti ta' allokazzjoni li għandha tapplika għall-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa mressqa mill-1 sat-2 ta' Frar 2010 fil-kuntest tal-kwota tariffarja tat-Tuneżija u li jissospendi l-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni għax-xahar ta' Frar 2010

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli regolati minn sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 3(1) u (2) tal-Protokoll Nru 1 ([3]) tal-ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi l-assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Tuneżina min-naħa l-oħra ([4]), jistabbilixxi kwota tariffarja b'dazju doganali ta' żero għall-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa mhux raffinat li jaqa' taħt il-kodiċijiet tan-NM 1509 10 10 u 1509 10 90, prodott kollu kemm hu fit-Tuneżija u ttrasportat direttament minn dak il-pajjiż lejn l-Unjoni Ewropea, fil-limiti stipulati għal kull sena.

(2) L-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1918/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jiftaħ u jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji f'dak li jirrigwarda ż-żejt taż-żebbuġa li joriġina fit-Tuneżija ([5]) jipprovdi għal limiti kwantitattivi ta' kull xahar għall-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni.

(3) F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1918/2006, tressqu applikazzjonijiet għand l-awtoritajiet kompetenti għall-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni għal kwantità totali li taqbeż il-limitu pprovdut għax-xahar ta' Frar fl-Artikolu 2(2) tar-Regolamernt imsemmi.

(4) F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni għandha tiffissa koeffiċjent ta' allokazzjoni li jippermetti l-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni *pro rata* għall-kwantità disponibbli.

(5) Ġaladarba ntlaħaq il-limitu għax-xahar ta' Frar, għax-xahar imsemmi ma tista' tinħareġ l-ebda liċenzja tal-importazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqa fl-1 u t-2 ta' Frar 2010 skond l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1918/2006, għandhom jinħarġu skond koeffiċjent ta' allokazzjoni ta' 77,509766 %.

Il-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni għall-kwantitajiet mitluba mit-8 ta' Frar 2010 huwa sospiż għal Frar 2010.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-5 ta' Frar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.
([3]) ĠU L 97, 30.3.1998, p. 57.
([4]) ĠU L 97, 30.3.1998, p. 2.
([5]) ĠU L 365, 21.12.2006, p. 84.

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-1 ta' Frar 2010**

**dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet ta' ċerti aġenziji tal-ħlas fil-Greċja, fil-Portugall u fil-Finlandja dwar l-infiq iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-FAEŻR) għas-sena finanzjarja 2007**

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 425)*

**(It-testi bil-Finlandiż, bil-Grieg, bil-Portugiż u bl-Iżvediż biss huma awtentiċi)**

(2010/58/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni ([1]) [traduzzjoni mhux uffiċjali], u b'mod partikolari l-Artikoli 30 u 33 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat tal-Fond,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2008/397/KE ([2]) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2009/86/KE ([3]) approvaw, għas-sena finanzjarja 2007, il-kontijiet tal-aġenziji kollha tal-ħlas ħlief għall-aġenzija tal-ħlas Griega "OPEKEPE", l-aġenzija tal-ħlas Portugiża "IFAP" u l-aġenzija tal-ħlas Finlandiża "MAVI".

(2) Wara t-trażmissjoni ta' informazzjoni ġdida u wara li saru aktar verifiki, il-Kummissjoni issa tista' tiddeċiedi dwar l-infiq iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-FAEŻR) dwar l-integralità, l-eżattezza, u l-veraċità tal-kontijiet imressqin mill-aġenzija tal-ħlas Griega "OPEKEPE", l-aġenzija tal-ħlas Portugiża "IFAP" u l-aġenzija tal-ħlas Finlandiża "MAVI".

(3) Skont l-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax deċiżjonijiet meħuda sussegwentement mill-Kummissjoni li jeskludu mill-finanzjament tal-Komunità nefqa li ma sehħietx skont ir-regoli Komunitarji,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-kontijiet tal-aġenzija tal-ħlas Griega "OPEKEPE", l-aġenzija tal-ħlas Portugiża "IFAP" u l-aġenziji tal-ħlas Finlandiża "MAVI" dwar l-infiq iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (il-FAEŻR), fir-rigward tas-sena finanzjarja 2007, huma approvati.

L-ammonti li jistgħu jiġu rkuprati minn, jew imħallsa lil, kull Stat Membru taħt kull programm ta' żvilupp rurali skont din id-Deċiżjoni, inklużi dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 33(8) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, huma stipulati fl-Anness.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika Portugiża u r-Repubblika tal-Finlandja.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Frar 2010.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.
([2]) ĠU L 139, 29.5.2008, p. 40.
([3]) ĠU L 33, 3.2.2009, p. 35.

*ANNESS*

**Approvazzjoni tal-infiq mhux approvat tal-faeżr għal kull programm u miżura tal-iżvilupp rurali għas-sena finanzjarja 2007**

**Ammont li għandu jiġi rkuprat mingħand jew jitħallas lill-istat membru għal kull programm**

*(f'EUR)*

| Miżura | Infiq li sar fl-2007 | Korrezzjonijiet | Total | Ammonti li ma jistgħux jerġgħu jintużaw | Approvazzjoni tal-ammont aċċettat għas-sena finanzjarja 2007 | Ħlasijiet interim irrimubrżati lill-Istat Membru għas-sena finanzjarja | Ammont li għandu jiġi rkuprat mingħand (–) jew jitħallas (+) lill-Istat Membru fid-dikjarazzjoni li jmiss |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| GR: 2007GR06RPO001 | i | ii | iii = i + ii | iv | v = iii – iv | vi | vii = v – vi |
| 211 | 83 342 228,55 | 0,00 | 83 342 228,55 | 0,00 | 83 342 228,55 | 83 342 228,55 | 0,00 |
| 212 | 32 123 903,36 | 0,00 | 32 123 903,36 | 0,00 | 32 123 903,36 | 32 123 903,36 | 0,00 |
| 214 | 61 783 222,40 | 0,00 | 61 783 222,40 | 0,00 | 61 783 222,40 | 61 783 222,40 | 0,00 |
| 221 | 16 765 452,61 | 0,00 | 16 765 452,61 | 0,00 | 16 765 452,61 | 16 765 452,61 | 0,00 |
| Total | 194 014 806,92 | 0,00 | 194 014 806,92 | 0,00 | 194 014 806,92 | 194 014 806,92 | 0,00 |
| PT: 2007PT06RPO001 | i | ii | iii = i + ii | iv | v = iii – iv | vi | vii = v – vi |
| 113 | 1 429 348,64 | 0,00 | 1 429 348,64 | 0,00 | 1 429 348,64 | 1 429 348,64 | 0,00 |
| 212 | 483 629,57 | 0,00 | 483 629,57 | 0,00 | 483 629,57 | 483 629,57 | 0,00 |
| 213 | 4 360 765,91 | 0,00 | 4 360 765,91 | 0,00 | 4 360 765,91 | 4 360 765,91 | 0,00 |
| 221 | 730 820,23 | 0,00 | 730 820,23 | 0,00 | 730 820,23 | 730 820,23 | 0,00 |
| Total | 7 004 564,35 | 0,00 | 7 004 564,35 | 0,00 | 7 004 564,35 | 7 004 564,35 | 0,00 |
| PT: 2007PT06RPO002 | i | ii | iii = i + ii | iv | v = iii – iv | vi | vii = v – vi |
| 113 | 3 266 789,56 | 0,00 | 3 266 789,56 | 0,00 | 3 266 789,56 | 3 266 789,56 | 0,00 |
| 211 | 4 097 213,53 | 0,00 | 4 097 213,53 | 0,00 | 4 097 213,53 | 4 097 213,53 | 0,00 |
| 212 | 1 723 170,65 | 0,00 | 1 723 170,65 | 0,00 | 1 723 170,65 | 1 723 170,65 | 0,00 |
| 214 | 48 341 911,66 | 0,00 | 48 341 911,66 | 0,00 | 48 341 911,66 | 48 341 911,66 | 0,00 |
| 221 | 25 542 706,82 | 0,00 | 25 542 706,82 | 0,00 | 25 542 706,82 | 25 542 706,82 | 0,00 |
| 511 | 285 000,00 | 0,00 | 285 000,00 | 0,00 | 285 000,00 | 285 000,00 | 0,00 |
| Total | 83 256 792,22 | 0,00 | 83 256 792,22 | 0,00 | 83 256 792,22 | 83 256 792,22 | 0,00 |
| FI: 2007FI06RPO001 | i | ii | iii = i + ii | iv | v = iii – iv | vi | vii = v – vi |
| 111 | 83 036,13 | 0,00 | 83 036,13 | 0,00 | 83 036,13 | 83 036,13 | 0,00 |
| 113 | 9 302 896,89 | 0,00 | 9 302 896,89 | 0,00 | 9 302 896,89 | 9 240 576,62 | 62 320,27 |
| 123 | 48 210,89 | 0,00 | 48 210,89 | 0,00 | 48 210,89 | 48 210,89 | 0,00 |
| 211 | 65 633 160,53 | 12 860,21 | 65 620 300,32 | 0,00 | 65 620 300,32 | 65 620 300,32 | 0,00 |
| 212 | 52 090 453,86 | – 8 927,92 | 52 099 381,78 | 0,00 | 52 099 381,78 | 52 099 381,78 | 0,00 |
| 214 | 87 503 613,64 | 201 327,95 | 87 302 285,69 | 0,00 | 87 302 285,69 | 87 302 285,69 | 0,00 |
| 221 | 1 097 959,60 | 0,00 | 1 097 959,60 | 0,00 | 1 097 959,60 | 1 097 959,60 | 0,00 |
| 311 | 345 766,76 | 0,00 | 345 766,76 | 0,00 | 345 766,76 | 345 766,76 | 0,00 |
| 313 | 62 252,31 | 0,00 | 62 252,31 | 0,00 | 62 252,31 | 62 252,31 | 0,00 |
